MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 443/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Kevin Vella**
**Claire Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Kevin Vella**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Joseph u Doris neé Camilleri, imwieled l-Mtarfa fil-21 ta' April 1976 u residenti f'Blokk A1, Flat 4, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 199176(M)

u

**Claire Vella**, ta' hamsa u tletin (35) sena, bint Cathaldus Gatt u Carmen neé Mackay, imwielda H'Attard nhar il-11 ta' Novembru 1976 u residenti f'Block A1, Flat 4, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32277(M)

akkuzati talli nhar it-22 ta' Frar 2012 u fil-jiem ta' qabel f'Block A1, Flat 2, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar:

1. volontarjament ghamlu hsara fl-appartament numru 2 fi Block A1, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar, liema hsara teccedi l-valur ta' €116.47 (mija u sittax il-Euro u sittax il-centezmu) izda ma tiskorrix €1164.69 (elf, mija u erba u sittin Euro u disgha u sittin centezmu).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "GM 1" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19 u 20).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Semghet lill-imputati jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 97) il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi tad-difiza u gie verbalizzat li f'kaz li d-difiza tibqa' ma tressaqx il-provi taghha fis-seduta ta' wara, il-Qorti kienet ser tiehu l-provvedimenti opportuni, inkluz li tiddikjara l-provi tad-difiza bhala maghluqa.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 100), il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiza bhala maghluqa.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 103 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-konsulenti legali tal-parti leza u tal-imputati. Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehdet il-parti leza **Mary Anne Scott** (*a fol.* 21 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li gew kagunati hsarat fil-proprjeta' taghha u tar-ragel taghha David Scott, liema proprjeta' tinsab fil-Qawra. Tghid li din il-hsara gejja mill-ilma minn ta' fuqha. Tghid li l-imputati gherquha bl-ilma, marru l-periti u qalulha li kellha hsara kbira u minkejja li qalulha biex tirranga, ma gietx mhollija taghmel dan mill-imputati. Tghid li kellha twaqqaf kollox. Tispjega li saret vendikazzjoni u mhux hsara biss. Ezebiet seba' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "MS 1" sa "MS 7" (*a fol.* 30 *et seq.*). Ezebiet rapport peritali li gie mmarkat bhala Dok. "MS 8" (*a fol.* 37 *et seq.*) u kif ukoll dokument iehor immarkat bhala Dok. "MS 9" (*a fol.* 42). Ipprezentat dokument tas-socjeta' tal-assikurazzjoni li gie immarkat bhala Dok. "MS 10" (*a fol.* 43). Tghid li dawn l-affarijiet ilhom ghaddejjin ghal zmien twil. Ezebiet tlitt dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "MS 11" sa "MS 13" (*a fol.* 44 *et seq.*). Tghid li l-imputati ghandhom madum fuq madum u li l-ilma dejjem gej u li l-imputati jridu jirrangaw minn naha taghhom. Tixhed li l-hsara gejja peress li bl-umdu qed jinfaqa' l-hajt. Tghid li, skond il-perit, il-hsara taghhom gejja mill-appartament ta' fuqhom. Mistoqsija

tghid biex qieghda ssir din il-hsara, tghid: *"ghax ta' kuljum tahsel il-gallarija u ghandha anke l-air condition ghamel is-sajf kollu dejjem ghal ghandna. Lanqas katusa m'ghandha hi"* (*a fol.* 25). Tghid li l-ilma huwa problema. Tghid li l-problema tista' tigi trangata f'kaz li jigu rrangati da parta taghha (tal-imputati). Tghid li minhabba l-ilma, kemm il-hajt kif ukoll il-gallarija qed jinqasmu. Tghid li minkejja li huma (Scott) sewwewh, dan rega' nqasam. Tixhed li ghandha l-hsara wkoll anke fil-kamra tas-sodda u fis-salott.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li l-problema ilha snin gejja.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Gabriel Micallef** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn spjega li rceva kwerela li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "GM 1" (*a fol.* 49).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-imputati huwa qatt ma kellimhom. Jghid li ma ttiehdet l-ebda stqarrija mill-imputati.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed il-**Perit Alfred Grech** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn gie muri rapport immarkat bhala Dok. "MS 8" (*a fol.* 37 *et seq.*) u qal kien gie nkarigat mis-socjeta' Middlesea Insurance biex jaghmel *survey report* minhabba l-hsarat li Scott kellhom fl-appartament taghhom. Ikkonferma l-kontenut tar-rapport imsemmi li huwa datat 22 ta' Lulju 2011. Jixhed li hejja rapport iehor li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "AG 1" (*a fol.* 54 *et seq.*), liema rapport, li huwa datat 28 ta' Dicembru 2012, gie konfermat ukoll minnu.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed **Anthony Mamo** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn qal li Mary Anne Scott hija t-tifla tieghu. Jghid li huwa rranga darbtejn minn butu l-hsara li kien hemm fl-appartament in kwistjoni. Ezebixxa rapport peritali redatt mill-Perit Daniel Grima, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "AM 1" (*a fol.* 66 *et seq.*). Jghid li l-hsara giet kagunata mill-ilma li diehel. Jghid li l-ilma tal-*air conditioner* jinzel bejn il-bejt dobblu tal-hajt u jxarrab lilhom u lil ta' tahthom. Jghid li l-hsara qed tikber.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hu ma jghix fih dan il-post. Jghid li fih kienet tghix it-tifla tieghu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed **David Scott** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn qal li fuq l-appartament taghhom fil-Qawra joghod l-imputat. Jghid fil-11 ta' Settembru 2011 ntlahaq ftehim biex jigu msewwija xi hsarat li kienu qed jigu kagunati minhabba ta' fuqhom. Jghid li l-hsarat gew kagunati mill-ilma li kien gej mill-*air conditioner* ta' fuqhom, fejn joqghodu l-imputati. Jghid li l-imputati ma riedux jirrangaw il-hsarat. Jghid li, b'konsegwenza ta' dan, saru danni fil-kmamar tal-banju, tas-sodda u kif ukoll fil-gallarija.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa avvicina lill-imputat zmien ilu. Jghid li l-Perit Daniel Grima qalilhom li hemm hsara kbira. Mistoqsi jghid jekk jafx li l-perit qal li l-ilma qed jiskula nvolontarjament minn appartament ta' xi hadd iehor, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013, xehed l-imputat **Kevin Vella** (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid x'jaf fuq il-hsara in kwistjoni, jghid li jaf fuqha mill-Qorti. Jichad li ghandu xi ilma diehel ghand il-parti leza. Jghid li ghandu ritratti li l-ilma gej minn ta' fuqhom (tal-imputati). Ezebixxa zewg ritratti fuq folja wahda, liema folja giet immarkata bhala Dok. "KV 1" (*a fol.* 84). Jghid li dawn ir-ritratti gew mehuda mill-perit li gabu l-parti leza. Jghid li l-perit ikkonkluda li minn naha taghhom (tal-imputati), m'ghandhom xejn. Ezebixxa ittra *ossia* rapport immarkat bhala Dok. "KV 2" (*a fol.* 85). Jghid li meta sar dan ir-rapport gie mqabbad il-Perit Daniel Grima. Jghid li l-parti leza ilha hafna taqbad maghhom.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li skond il-perit il-hsara gejja mid-*drain pipe* ta' fuq. Jghid li huma (l-imputati) m'ghandhomx hsara. Jghid li meta gew assenjati l-*flats* in kwistjoni, dawn kienu fi stat hazin hafna. Jghid li huma (Vella) nefqu hafna flus u ghamlu hafna affarijiet biex ma jkollhomx hsara. Skond hu, il-parti leza hallew kollox kif kien.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehdet l-imputata **Claire Vella** (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn qalet li hija u zewgha l-imputat kienu rrangaw kollox u li l-parti leza kienet akkuzathom li nizel l-ilma minn ghandhom. Tghid li l-Perit Daniel Grima kien sostna li l-

hsara mhux gejja minn ghandhom pero minn ta' fuqhom. Tikkonferma li kellha problemi ohra mal-parti leza.

In kontro-ezami tghid li hija taf li fl-appartament tal-parti leza kienet qed tigi kawzata l-hsara peress li l-parti leza kienet tghidilha b'hekk. Tghid li missierha (missier l-imputata) ghamel xi xoghol u qalilha li l-problema gejja minn ta' fuqhom. Tghid li huma ma ghadx ikollhom problemi minn ta' fuqhom peress li rrangaw u hallsu l-flus, mhux bhal parti leza li halliet kollox kif kien. Mistoqsija tghid jekk ic-carcir tal-ilma ghadux nizel, tghid li ma jidhirliex. Tghid li huma (Vella) ghamlu t-tiswijiet li kien hemm bzonn u ma jigihomx moffa u ma ghadux jinzel ilma. Tixhed li ma tafx fejn qed imur l-ilma issa. Tghid li fuq il-gallarija taghha (ta' Vella) ma ghadux nizel ilma. Tghid: *"Jiena qabel kien jidhol l-ilma, issa dortu kollu u ma qed jidhol xejn ghandi"* (*a fol.* 90). Tghid li qabel, il-madum tal-gallarija kien jaqleb ghal gallarija tal-parti leza, pero ghamlet madum gdid u sar *pipe* jaqleb fuq quddiem. Tghid li l-madum tal-gallarija issa jaqleb ghal barra t-triq. Tixhed li l-*pipe* jitfa' l-ilma barra fit-triq u li huwa biss l-ilma tax-xita li johrog ghal barra. Tghid li l-gallarija ghandha cint u ghandha l-hadid.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputati qed jigu akkuzati li volontarjament ghamlu hsara fl-appartament tal-parti leza. Qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tinnota li tul is-smiegh tal-provi rrizulta li hemm jew kien hemm numru ta' kawzi bejn il-parti leza u l-imputati, u dana minkejja li kien hemm zmien fejn huma kienu hbieb. Il-Qorti setghet tinnota li kien hemm akkanizmu pjuttost qawwi kemm mill-parti leza u kif ukoll mill-imputati fir-rigward tal-kawza odjerna u dana qisu din il-kawza kienet ser tirrizolvi kwalunkwe pendenzi ohra li setgha kien hemm jew li ghad hemm bejniethom.

Illi l-parti leza jallegaw li tort tal-fatt li l-imputati ghandhom ilma li jiskula mill-proprjeta' taghhom ghall-proprjeta tal-parti leza, l-imputatI volontarjament ghamlu hsarat fl-appartament taghhom (tal-parti leza). Il-Qorti tinnota li kwalunkwe dokument li gie

pprezentat mill-partijiet f'dawn il-proceduri u li ma giex konfermat minn min irrilaxxah ser jigi skartat minn din il-Qorti u dana peress li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u ghandha tingieb l-ahjar prova. Il-Qorti ser tiskarta r-rapport peritali datat 3 ta' April 2006 rilaxxat mill-Perit Daniel Grima (Dok. "KV 2" – *a fol.* 85) fiz-zmien meta l-Perit Grima gie inkarigat mill-imputati u ser tiskarta wkoll ir-rapport peritali datat 6 ta' Frar 2013 (Dok. "AM 1" – *a fol.* 66 *et seq.*) fiz-zmien meta l-Perit Grima gie ngaggat mill-parti leza. Dawn iz-zewg rapporti ma gewx konfermati mill-Perit Grima.

Illi apparti l-allegazzjonijiet mressqa mill-parti leza, li jibqghu allegazzjonijiet sakemm ma jigux pruvati, jirrizulta li fl-atti processwali hemm zewg rapporti peritali ohra, u cioé rapporti mmarkati bhala Dok. "MS 8" (*a fol.* 37 *et seq.*) u Dok. "AG 1" (*a fol.* 54 *et seq.*), liema rapporti gew konfermati bil-gurament mill-Perit Alfred Grech li rrilaxxhom. Minn qari ta' dawn iz-zewg rapporti u mid-depozizzjoni moghtija mill-Perit Alfred Grech (*a fol.* 51 *et seq.*) ma jirrizultax li l-imputati volontarjament ghamlu hsarat fil-proprjeta' tal-parti leza. Dan lanqas ma jirrizulta mill-bqija tal-atti processwali. Ma jirrizulta l-ebda element ta' volontarjeta' da parti tal-imputati. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

Illi, fuq nota diversa, minkejja d-decizjoni li ser tasal ghaliha din il-Qorti fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati fil-kawza odjerna, il-Qorti theggeg lill-parti leza u lill-imputati sabiex jilhqu arrangament bejniethom biex kwalunkwe pendenzi li ghad fadal bejniethom jirrizolvuhom bl-ahjar mod li jistghu u b'hekk ma jahlux l-energija taghhom u jaghmlu spejjez zejda fi kwistjonijiet li din il-Qorti temmen jistghu jigu rizolti bi ftit determinazzjoni u minghajr pika zejda.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ma gietx sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Kevin Vella u Claire Vella hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b’hekk tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------